# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023**

**Numru 9**

**Rikors Numru 59/20TA**

**Bank of Valletta P.l.c. (C2833)**

**vs**

**Dr. Ivan u Carmen miżżewġin Grixti**
**(K.I. Numru 93967M u 314767M rispettivament)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Bank of Valletta plc (il-bank Attur) tal-20 ta' Jannar 2020, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett kuntratt l-ewwel wiehed datat 14 t'Ottubru 2009 (Dok. "A"), it-tieni wiehed datat 3 ta' Lulju 2012 (Dok. "B") u t-tielet wiehed datat 26 ta' Frar 2015 (Dok. "C") in atti Nutar Joseph Tabone u f'erba' skritturi privati l-ewwel wahda datata 22 t' Awwissu 2015 (Dok. "D"), it-tieni wahda datata 4 ta' Gunju 2016 (Dok. "E"), it-tielet u r-raba' wahda datati 20 ta' Marzu 2019 (Dok. "F" u "G") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti fis-somma ta' mija u sitta u sittin elf, hames mija u wiehed u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€166,531.52) bilanc ghad-debitu fil-"*House, Consumer, Credit Card, Budget u Overdraft Loan Accounts*" ta' Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti mal-Bank of Valletta

p.l.c. (Dok. "Hl sa H4", Dok. "I1 sa I3", Dok. "J1 sa J3", Dok. "K1 sa K3", Dok. "L1 sa L3", Dok. “M”, Dok.”N”, Dok. "01 sa 06" u Dok. "Pl sa P2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Jannar 2020 sad-data ta' l-effettiv pagament u ;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "D", "E", "F" u "G") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti:

   (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati,

   (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew,

   (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti gew interpellati permezz ta' ittra uffcjali datata 28 t'Awissu 2019 li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok "Q", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti tilqa’ it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "D", "E", "F" u "G") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata (b) kienu inadempjenti f' obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti jhallsu flimkien u in solidum lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija, sitta u sittin elf, hames mija u wiehed u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€166,531.52) bilanc ghad-debitu fil-"*House, Consumer, Credit Card, Budget u Overdraft Loan Accounts*" ta' Dr Ivan u Carmen mizzewgin Grixti mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "HI sa H4", Dok. "I1 sa I3", Dok. “J1 sa J3", Dok. “K1 sa K3”, Dok. "LI sa L3", Dok. "M", Dok. "N", Dok. "01 sa 06" u Dok. "PI sa P2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Jannar 2020 sad-data ta' l-effettiv pagament;.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 t' Awwissu 2019 (Dok. "Q") li qed tigi prezentata kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Carmen Grixti (il-konvenuta) tal-21 ta’ Frar 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. “Illi fl-ewwel lok jigi eccepit li assolutament m'huwiex minnu li jezistu xi cirkostanzi skont il-kuntratt ta' self u l-iskritturi privati relattivi u msemmija fl-ewwel talba attrici li jiggustifikaw l-azzjoni odjerna. Konsegwentement is-socjeta’ attrici ghandha tressaq provi a sostenn ta' dak minnha allegat u mitlub permezz tal-ewwel talba taghha.

2. Illi fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghas-surreferit jekk jezistu tali ragunijiet, inkluz allura nuqqas ta' hlas tal-pagamenti spettanti lil-bank attur, dawn jahti ghalihom esklussivament il-konvenut l-iehor Dr. Ivan Grixti li fir-rigward ta' tali self dejjem kien responsabbli anke fil-konfront tal-esponenti u ta' uliedu li jwettaq il-pagamenti kollha regolari ai termini tal-istess kuntratt surreferit anke ghaliex, kif il-bank attur ghandu jaf ben tajjeb, meta ttiehed tali self il-konvenut Grixti kien l-uniku persuna fil-familja li kellu introjtu.

3. Illi effettivament l-esponenti u zewghha jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni fl-ismijiet 'Carmen Grixti v. Ivan Grixti' (Rik. Nru. 125/2018AL) pendenti quddiem l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u kwindi f’kaz li jirrizulta li l-konvenut naqas volontarjament jew ukoll b'negligenza li jwettaq il-pagamenti spettanti minnu jew kien bi kwalunkwe mod kagun tal-azzjoni odjerna, tali nuqqas da parti tieghu jkun jammonta ghal eccessi, mohqrija, u/jew offizi gravi tal-konvenut Grixti kontra l-esponenti u wkoll kontra uliedu a tenur tal-art. 40 tal-**Kodici Civili** in vista tal-fatt li, jekk dak allegat mill-bank attur jigi pruvat, ikun jirrizulta wkoll li l-konvenut Grixti evidentement m'ghandux aktar interess li jkompli jadempixxi mal-obbligi tieghu kemm fil-konfront tal-bank attur kif ukoll fil-konfront tal-esponenti martu u ta' uliedu gjaladarba huwa allontana ruhu mid-dar matrimonjali li issa tinsab okkupata mill-istess esponenti flimkien mal-erba’ uliedha. Huwa car li tali agir da parti tal-konvenut huwa intiz

sabiex icahhad lill-esponenti u lil uliedhom sahansitra ta' fuq rashom u dana minkejja l-obbligu tieghu legali li jmantni lill-esponenti u lil uliedu, liema manteniment a tenur tal-art 19 tal-**Kodici Civili** jinkludi wkoll l-abitazzjoni.

4. Illi ghalkemm fil-mori tal-proceduri ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, tali decizjoni tinsab soggett ta' appell li ghadu sal-lum pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

5. Illi konsegwentement ghas-surreferit l-esponenti ser tghaddi sabiex tinforma debitament lill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bil-proceduri odjerni u titlob ir-rimedji opportuni f'tali rigward u dana fl-interess mhux biss taghha imma wkoll ta' uliedha li jghixu maghha. F'tali rigward l-esponenti ser zzomm lil dina l-Onorabbli Qorti debitament aggornata bl-azzjonijiet mehudin minnha f'tali rigward u wkoll bl-ezitu tal-appell surreferit u titlob minn issa li dina l-Onorabbli Qorti tissoprasjedi sakemm tali proceduri jigu debitament decizi u tigi kwindi determinata, fis-sede opportuna, r-responsabilta' tal-konvenut fil-konfront tal-esponenti u ta' uliedu ghal dak li jinsab allegat mill-bank attur u wkoll ghall-pagamenti kollha dovuti lill-istess bank. B'hekk biss jistghu jigu evitati decizjonijiet potenzjalment konfliggenti.

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-surreferit l-esponenti tichad li hija debitrici ghas-somma reklamata mill-bank attur liema bank ghandu fi kwalunkwe kaz jaghti d-debita prova sal-grad rikjest mil-ligi tal-komputazzjoni imwettqa minnu fir-rigward tal-addebitu allegat minnu.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici u b'rizerva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-istess esponenti kontra l-istess attur u/jew kontra il-konvenut Ivan Grixti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Ivan Grixti (il-konvenut) tal-21 ta' Frar 2020

li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa is-segwenti:

1. "Illi fl-ewwel lok jinkombi fuq il-Bank attur li jagħti prova tal-ammont reklamat minnu *stante* li sat-28 t'Awwissu 2019 l-ammont reklamat mill-istess Bank attur kien dak ta' €161,833.13 u għalhekk f'dan l-istadju l-ammont mitlub hu kontestat;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat li fil-konfront tiegħu t-talbiet tal-Bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat li l-pagamenti relattivi għall-imsemmija loan u overdraft accounts u d-dejn relattiv mertu tal-kawża odjerna kellhom jiġu mwaqqfa għal raġunijiet li huma lil hinn minn kull kontroll li għandu l-esponent Dr. Ivan Grixti, għal raġunijiet estranji minnu u għal raġunijiet kompletament mhux attribwibbli lill-istess esponent Dr. Ivan Grixti u dan abbażi tas-segwenti fatti li seħħew f'dawn l-aħħar snin jew xhur:

   (a) Illi l-esponent Dr. Ivan Grixti ħareġ mid-dar matrimonjali tal-partijiet li fuqha hemm parti mid-dejn imsemmi mal-Bank of Valletta P.l.c (l-Bank attur) b'dan li d-dejn baqa' jitħallas minnu b'mod esklussiv u fl-*intier* tiegħu u ma kien hemm ebda problema relatata mal-ħlasijiet mensili. Jiġi rilevat li għalkemm tali ħlasijiet kienu qed isiru da parti tal-esponent b'mod esklussiv minnu u mingħajr ebda forma t'għajnuna da parti tal-intimata l-oħra martu Carmen Grixti, naturalment tali pagamenti kienu qed isiru fil-konfront ukoll ta' Carmen Grixti, mart l-esponent abbażi tar-regime tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom;

   (b) Illi l-esponent Dr. Ivan Grixti u martu Carmen Grixti għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) li għandha r-referenza numru 125/18 AL;

   (c) Illi l-intimata l-oħra Carmen Grixti, intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-esponent (liema mandat għandu r-referenza numru 122/18 JZM fl-ismijiet Carmen Grixti vs Dr. Ivan Grixti) għas-somma esaġerata ta' €700,000 bir-riżultat li l-esponent sab diffikultajiet kbar sabiex ikompli jħallas id-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti – dejn li kien qed iħallas għall-benefiċċju tiegħu u ta' martu Carmen Grixti iżda li din tal-aħħar prattikament żammitu li milli jħallas abbażi ta' tali mandat. Bid-diffikultajiet kollha l-esponent rnexxielu jkompli jħallas tali dejn b'dan li kien hemm żmien ukoll fejn ħallas biss sehemu mill-istess dejn sakemm imbagħad tali mandat wasslu sal-punt li kien impossibbli għalih li jkompli jagħmel tali pagamenti għaliex kull sors ta' income ġie maqbud b'tali mandat ta' sekwestru msemmi;

   (d) Illi l-esponent ħa l-miżuri kollha neċessarji u disponibbli għalih fil-liġi sabiex tali mandat ta' sekwestru kawtelatorju jiġi mħassar tant li ntavola rikors revoka għall-istess mandat, liema rikors għandu

r-referenza numru 157/18 AL u għadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja);

(e) Illi di piu' l-esponent ġie ordnat ukoll iħallas manteniment ferm għoli u bbażat fuq ammonti inveritieri u esaġerati (naturalment fuq talba ta' Carmen Grixti) bir-riżultat li l-istess esponent kompla jitpoġġa f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja bir-riżultat li kien impossibbli għalih li jkompli jagħmel il-pagamenti mensili relattivi;

(f) Illi *di piu'* l-esponent talab ukoll lill-Bank attur sabiex jagħti moratorju u ma jipproċedix ġudizzjarjament għall-anqas sakemm ikun hemm eżitu fuq ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru msemmi (ara **Dok. A** hawn anness) u għalkemm il-Bank attur qatt ma rrisponda b'mod formali għal tali talba, kien hemm perjodu fejn kien il-Bank attur kien donnu fehem iċ-ċirkustanzi tal-każ. Ġara pero' li l-intimata l-oħra Carmen Grixti għamlet allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-Bank attur u kienu tali allegazzjonijiet li ppreċipitaw is-sitwazzjoni u l-Bank attur l-ewwel intavola ittra uffiċċjali li għaliha l-esponent irrisponda b'mod uffiċċjali wkoll (ara **Dok. B** hawn anness) u sussegwentement ipproċeda bil-kawża odjerna wkoll;

(g) Illi l-esponent qatt ma kellu intenzjoni li jwaqqaf il-pagamenti jew li b'xi mod jikser il-kondizzjonijiet relattivi għal-loan u overdrafts u d-dejn in ġenerali li għandhom il-partijiet mal-Bank attur iżda ġie kostrett jagħmel hekk minħabba l-pożizzjoni impossibbli li ġabitu fiha l-intimata martu Carmen Grixti minħabba l-mandat ta' sekwestru msemmi kif ukoll minħabba l-manteniment li issa hu ordnat li jħallas. *In oltre* l-intimata Carmen Grixti, minkejja li taħdem bi qliegħ, għandha professjoni u jista' jkollha introjtu ferm aħjar minn dak li qed tiddikjara li taqla', minkejja li tirċievi manteniment mingħand żewġha ferm għoli meta kkumparat man-norma (€2000 fix-xahar) u minkejja li ġiet formalment notifikata bl-ittra uffiċċjali tal-Bank attur u bl-ittra uffiċċjali tal-esponent fejn saħansitra żammha responsabbli għad-danni, xorta waħda għażlet li ma tagħmel xejn u ma taffettwa ebda pagament versu d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti – mhux talli hekk talli saħansitra ħadet passi kontra l-esponent fejn talbet lill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex tordna lill-esponent iħallas id-dejn gravanti l-komunjoni mal-Bank attur waħdu, liema talba ġiet miċħuda għal darba darbtejn mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;

(h) Illi l-esponent m'għandux jiġi penalizzat għal sitwazzjoni li fl-ewwel lok żgur li m'hijiex attribwibbli għalih u fit-tieni lok li ma

kellu ebda kontroll fuqha għaliex tali sitwazzjoni ġiet preċipitata esklussivament da parti tal-intimata Carmen Grixti li għażlet li tibqa' titlob manteniment ferm għoli bbażat fuq informazzjoni u dikjarazzjonijiet inveritieri u fuq introjtu minfuħ u li ma jirrispekkjax il-veru introjtu tal-esponent minkejja li l-intimata taħdem bi qliegħ u fuq kollox billi tintavola mandat ta' sekwestru fuq ammont eżorbitanti li l-esponent għadu s'issa ma fehemx kif ġie kkalkulat b'dan li l-istess intimata Carmen Grixti baqgħet iżżid ukoll is-sekwestratarji biex tkompli ssallab u tissikka lill-istess esponent - minflok ma rat l-istampa sħiħa u għarrfet li l-esponent kien qed jagħmel tajjeb għal dejn li jispetta lilha wkoll għaliex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent m'għandux jiġi ordnat iħallas rata t'interessi aktar għolja *stante* li s-sitwazzjoni preżenti ġiet imposta fuqu minn martu li prattikament ġabitu f'sitwazzjoni impossibbli li jħallas. F'kull każ l-esponent qed iżomm lill-istess imsemmija martu responsabbli għad-danni li ser isofri proprju minħabba l-intransiġenza u l-inadempjenza da parti ta' martu;

5. Illi l-esponent, kif diġa' ddikjara formalment permezz tal-ittra uffiċċjali ntavolata minnu bħala risposta għall-ittra uffiċċjali mibgħuta lilu u lil martu Carment Grixti (ara **Dok. B**) qed iżomm lill-istess imsemmija Carmen Grixti responsabbli għal kwalunkwe danni li jista' jsofri l-esponent minħabba l-aġir tagħha, t-talbiet esaġerati tagħha u minħabba l-konsegwenzi serji li diġa' kellu tali mandat ta' sekwestru kawtelatorju u f'każ li t-talbiet tal-Bank attur jiġu milqugħa, jkun hemm sentenza *res judicata* u sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti (fosthom il-proprjeta' immobbli) tiġi mxellfa, mnaqqsa, mittiefsa jew tinbiegħ bil-liċitazzjoni b'mod preġudizzjali għalih;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jiddikjara li f'każ li l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tirrevoka l-mandat ta' sekwestru msemmi (kif wara kollox qiegħed jitlob permezz ta' proċeduri separati u li għadhom pendenti), allura l-esponent jerġa' jkun f'pożizzjoni li jerġa' jibda jħallas sehemu (u ċioe' 50%) minn tali pagamenti mensili dwar l-istess loans u overdraft accounts u d-dejn relattiv mal-Bank attur;

7. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri *stante* li għamel dak kollu li hu possibbli sabiex jevithom iżda l-intimata martu riedet akkost ta' kollox li tibqa' twebbes rasha u tippretendi li minkejja l-mandat ta' sekwestru impost minnha stess, l-

esponent jibqa' jħallas id-dejn u jibqa' jżomm l-obbligazzjonijiet tiegħu hekk kif ordnat jagħmel mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja);

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda kollha imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' dawn il-proċeduri:

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatti**

**1.** Kieku l-fatti huma sempliċi. Il-bank Attur qiegħed jitlob il-ħlas lura mingħand il-konvenuti tas-somma ta' mija sitta u sittin elf, ħames mija wieħed u tletin punt tnejn u ħamsin Ewro (€166,531.52) abbażi tal-kuntratti u dokumenti fuq imsemmija, li kollha kieku ffirmati mill-konvenuti. Il-Bank qiegħed jagħmel din it-talba għaliex il-konvenuti baqgħu inadempjenti fl-obbligi tagħhom, fost oħrajn iżda mhux biss, għaliex naqsu li jkomplu l-ħlasijiet perjodikali kif miftiehem.

**2.** Jidher, li hemm pendenti kawża ta' separazzjoni bejn il-partijiet li sfortunament hija waħda mimlija attrit. Kull parti tinvoka d-drittijiet tagħha naxxenti minn kwistjonijiet li hemm bejniethom fir-rigward ta' min għandu jagħmel dan il-pagament.

**3.** Għalhekk wara li l-Bank baqa' ma jirċevix ħlas kellu jirrikorri għal dawn il-proċeduri.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa sempliċi għall-aħħar: jekk il-konvenuti mxewx mal-kuntratti li kellhom mal-Bank Attur, inkwantu jirrigwarda l-flejjes riklamati minnu. Dan huwa konsonanti ma' dak li jiddisponu s-segwenti żewġ artikoli tal-Kodiċi Ċivili:

992.*(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħata' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi.*

u

993. *Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*

**5.** Minkejja dawn il-prinċipji tant sempliċi, f'din il-Kawża l-konvenuti għażlu li jestendu għal din il-Kawża l-attrit li hemm għaddej bejniethom fil-Kawża ta' separazzjoni. Dan qiegħed jingħad partikolarment għall-konvenuta. Di fatti fir-risposta tagħha, il-konvenuta tinsisti li kull ammont huma dovut mill-konvenut l-ieħor u tagħti raġunijiet, bħal fost oħrajn, li Bank kien jaf ben tajjeb li l-konvenut kien l-uniku persuna fil-familja li kellu entrojtu. Qari mill-qrib tar-risposta tal-konvenuta, saħansitra jirrisulta li qed tistieden lil din il-Qorti biex tidħol fil-mertu tar-relazzjonijiet interni ta'

bejniethom mertu ta' kawża ta' separazzjoni li hemm pendenti bejniethom (a 'fol 86 u 87).

**6.** Minn naħa tiegħu, il-konvenut ma jonqosx li jżid id-doża ta' kwistjonijiet, li minn ottika legali din il-Qorti ftit għandha interess fihom. Di fatti, il-konvenut jgħid li kien hemm żmien meta kien qiegħed iħallas regolarment iżda minħabba mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 122/18 JZM sab diffikultajiet biex ikompli jħallas id-dejn inkwistjoni. Għalkemm jgħid ukoll, li kompla jħallas biss sehemu sakemm waqaf għal kollox peress kull sors ta' income ġie maqbud b'tali mandat ta' sekwestru. Jgħid ukoll li minħabba li ġie ordnat iħallas manteniment għoli kien impossibli li jkompli jagħmel il-pagamenti mensili relattivi (a' fol 94). Dan kollu jgħidu ukoll f'ittra uffiċjali li bagħat lill-Bank Attur u lill-konvenuta (a' fol 101).

**7.** F'dan ir-rigward huwa utli li ssir referenza għal dak li qal Rodrick Abela, uffiċjal tal-Bank Attur: *"f'Mejju tal-2018, Dr Grixti gie servut b'garnishee order sekwestru minn Mrs Grixti ta' €709,000. Issa meta jigri hekk ovvjament il-Bank jixghelu n-numbers kollha ghax sinjal; li hemm xi haga hazina. U fil-fatt hekk kien ghax ftit wara l-pagamenti b'mod stramb ha nghidu hekk naqsu bin-nofs"* (114 tergo).

**8.** Din il-parti tal-istorja għandha importanza għaliex waħda mir-raġunijiet fejn il-Bank kellu d-dritt li jagħmel *call in* huwa meta jinħareġ sekwestru kontra d-debitur minn kreditur. Di fatti fil-<u>kuntratt tat-3 ta' Lulju 2012</u> li huwa self ta' €100,000 għall-akkwist ta' propjeta', fost il-

kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet hemm dik li "*il-bank jista' b'avviz bil-miktub jiddikjara illi s-self huwa dovut u pagabbli minnufih … jekk il-klijenti jonqsu milli jhallsu kwalunkwe somma kemm kapital kif ukoll imghax, drittijiet u spejjes, dovuti minnhom skond dan l-att fil-hin u bil-mod indikat f'dan il-kuntratt*" jew jekk "*il-klijenti jiksru jew jonqsu milli joservaw l-obbligi jew il-weghdiet espressi bhala assunti minnhom f'dan l-att*" jew "*kreditur jezercita dritt jew jiehu pussess ta' permezz ta' ezekuzzjoni, sekwestru jew process iehor huwa inforzat jew mahrug kontra imprizi assi, drittijiet jew dhul tal-klijent u ma huwiex revokat fi zmien sebghat ijiem*" (a' fol 9 u 9 tergo).

**9.** Tajjeb li jingħad li l-konvenuti qua debituri u kienu kkonfermaw ukoll "*li ircevew l-ittra sanzjonarja u t-termini u kundizzjonijiet kontenuti f'dik l-ittra , li l-klijenti qraw, fehmu u accettaw*". Il-kuntratt tas-26 ta' Frar 2015, li huwa self ta' €15000, fih l-istess kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt tat-3 ta' Lulju 2012 inkwantu jirrigwarda l-ħlas lura tal-flejjes lill-Bank (a'fol 14 u tergo). Għalhekk meta l-konvenuta otteniet il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni, anke jekk kienet ko-debitriċi solidali, tefgħet il-ġebla fuq saqajha.

**10.** Kwantu għall-kwistjoni tal-moratorium Rodrick Abela, uffiċjal tal-Bank, dan jammetti li dan veru ġie diskuss u kkunsidrat (a' fol 158). Iżda dan ix-xhud ikompli jgħid li "*ircevejna ittra illi fl-opinjoni tieghi it was the straw that broke the camel's back fis-sens illi din l-ittra, Dr. Caruana Demajo fost ohrajn semmiet illi l-Bank kellu jipprovdi biex ma jbieghx id-dar*

*matrimonjali. Fil-fatt ahna l-anqas konna wasalna biss ghal dak l-istadju, jigfieiri ahna konna ghadna qed nittamaw illi, u qaltina isma' ghax ma tbieghux il-propjeta' tal-belt. U ahna din rajniha bhala ammissjoni tad-dejn li hemm. Allura ma kienx ghad fadlilna haga ohra hlief illi naghmlu l-call li saret*" (a' fol 116, fol 148u fol 150). Il-konvenuta anke bdiet timputa kollużjoni bejn il-Bank u l-konvenut Ivan Grixti (ara a' fol 146).

**11.** Fir-rigward ta' dan l-aspett, mil-laqgħat li kellu l-Bank mill-ewwel wasal għall-konklużjoni, sa ċertu punt fondat anke minn dak li rat din il-Qorti fil-kors ta' Kawża, li "*From what we understand, this will be a bitter, acrimonious and long dispute that will take years to resolve as both parties seem to be very aggressive towards each other*" (a' fol 157 dan huwa ukoll evidenzjat mill-kwantita' ta' atti li saru f'kawżi oħrajn esbiti f'din il-Kawża, li *stricto iure* għal din il-Qorti ma jitfgħu ebda dawl fuq il-kwistjoni purament legali li għandha quddiemha ara a' fol 206 sa 314 u ara ukoll dokumenti minn a' fol 437 sa 993). F'laqgħa li kellu l-Bank Attur mal-konvenuta wasal biex josserva "*It is very evident that this is going to be a very lengthy litigation between the parties who do not seem to see eye-to-eye <u>and their intention is to harm each other as much as possible.</u> The Bank will not be dragged inti their personal litigation and the message was made clear to both parties*" (emfażi ta' din il-Qorti a' fol 161 ara ukoll xhieda ta' Sharon Cachia a' fol 187 sa 193 tergo).

**12.** Jirriżulta li effettivament dan il-moratorium ingħata, għaliex minn meta rappresentanti tal-Bank iltaqgħu mal-konvenuti sakemm saret il-

Kawża, għaddiet sena. Dan għamlu minn jeddu, għaliex hekk jagħmel f'sitwazzjonijiet bħal dawn (ara xhieda ta' Simon Zammit, Uffiċjal tal-Bank a' fol 179).

**13.** Pero' billi jingħata moratorium, ma jfissirx li l-Bank ikun irrinunzja għad-drittijiet tiegħu skont kull ftehim li għandu, għaliex finalment meta l-bank jistenna f'sitwazzjonijiet simili bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, dan jagħmlu fl-interess tal-partijiet ukoll. Iżda jekk minn naħa l-oħra, tnejn li qed jisseparaw, jagħżlu li jqattgħu lil xulxin u jibqgħu inadempjenti fl-obbligi tagħhom lejn il-Bank, dan ma jkunx jista' jagħmel mod ieħor ħlief li jipproċedi. Il-Bank Attur ma għandux ikun penalizzat għaliex ikun aġevola lid-debitur biex forsi jiġi f'tiegħu.

**14.** Lil din il-Qorti jirrisultalha, li b'ittra bonarja tat-23 ta' Lulju 2019, il-Bank Attur interpella lill-konvenuti biex iħallsu d-dejn. Dan għamlu ukoll permezz ta' ittra uffiċjali datat 28 ta' Awwisuu 2019 (a' fol 74 u 149). Jirrisulta ukoll, li sakemm kienet għaddejja din il-Kawża, is-somma diġa' telgħet għal €182,645.59. (a' fol 118 tergo).

**15.** Tul il-Kawża din il-Qorti inħanqet tgħid lill-partijiet sabiex iżommu separat il-kwistjoni ta' separazzjoni minn dak li qiegħed jitlob il-Bank f'din il-Kawża. Di fatti fis-Seduta tal-15 ta' Mejju 2021 din il-Qorti ċaħdet li jsiru xi mistoqsijiet lill-konvenuta għaliex "*kull kwistjoni li ghandhom bejniethom il-partijiet hija kwistjoni li tolqot lilhom biss. Fid-dawl tal-azzjoni kif ippostulata u anke ghall-fatt li lanqas hemm kontro-talba fil-konfront tal-Bank in rigward tal-pendenzi li hemm bejn il-patrijiet f'din il-Kawza…*".

Filwaqt li din il-Qorti tifhem l-uġiegħ li jkunu għaddejjin minnu fi proċeduri ta' separazzjoni, l-partijiet xorta ma għandhomx iġorruh magħhom bħal fil-Kawża odjerna, għaliex iz-zalza tista' tiġi tiswihom aktar mill-ħuta.

**16.** Il-kuntratti u dokumenti li għandha quddiemha din il-Qorti huma ffirmati mill-konvenuti u anke in solidum. Għalhekk il-konsiderazzjonijiet legali ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kommunjoni tal-akkwisti, għaliex fil-konfront tal-Bank setgħu ma kienux miżżewwġin. Semmai, l-eżitu ta' proċeduri jistgħu jinġiebu quddiem il-Qorti kompetenti jekk xi ħadd mill-partijiet, inkwantu r-relazzjonijiet ta' bejniethom, jippretendi li ma għandux ikun akkollat bil-ħlas u għalhekk għandu dritt ta' rivalsa jew xorta oħra kontra l-parti l-oħra.

**17.** Il-Qorti għalhekk fliet id-dokumenti u provi li għandha quddiemha u waslet għall-konklużjoni li, l-ammont li qiegħed jintalab mill-Bank Attur, tassew huwa dovut. Għalhekk, il-Qorti ser tkun qed tilqa' it-talbiet Attriċi.

**18.** Apparti li kienu morużi fil-ħlas, bil-mod kif żvilluppat ir-relazzjoni ta' bejn il-konvenuti, tassew kien hemm tibdiliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-konvenuti li pperikolaw u affettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tad-debitu lill-bank Attur. Dan ġie l-aktar preċitat bl-otteniment tal-mandat ta' sekwestru li b'konsegwenza ta' hekk ma setgħux jibqgħu isiru pagamenti. Prinċipju li hu saħansitra meqjus bħala kundizzjoni impliċta f'kull kuntratt f'artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili.

**19.** Il-kwistjoni tal-imgħaxijiet ukoll trid tittieħed inkonsiderazzjoni. Kif intqal aktar 'l fuq, is-somma kompliet tikber. Għalhekk, kwantu l-

imgħaxijiet, din il-Qorti ser tkun qed tiddeċiedi li dawn għandhom ikunu kalkolati minn meta ġie presentat ir-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv. Dan għandu jitħallas mill-konvenuti solidalment bejniethom.

**20.** Fl-aħħar nett, il-Qorti tappella lill-Bank Attur, biex jerġa' jagħti l-possibilita' lill-partijiet jipprovaw jaslu bonarjament bejniethom qabel ma jibda jesegwixxi din is-Sentenza. Dan qiegħed jingħad mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet tiegħu li jesegwixxi din is-Sentenza meta u kif jidhirlu hu.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi kif mitluba.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu lill-Bank Attur is-somma ta' mija sitta u sittin elf ħames mija u wieħed u tletin punt tnejn u ħamsin Ewro (€166,531.52) kif mitluba, bl-imgħaxijiet legali mill-20 ta' Jannar 2020 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**